

Brussell, 17 ta' Frar 2022
(OR. en)

6347/22

STAT 5
FIN 168

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 42 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2020 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 42 final.

Mehmuż: COM(2022) 42 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.2.2022
COM(2022) 42 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2020 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2020 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

1 INTRODUZZJONI

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol standby (Nru 495/77) u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jobbligaw lill-Kummissjoni tippreżenta, kull sena, rapport lill-Kunsill dwar l-għadd ta' uffiċjali u aġenti oħrajn f'kull kategorija li jirċievu l-benefiċċji msemmija fir-regolamenti kkonċernati kif ukoll dwar in-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aħħar ċifri annwali kompluti li kienu disponibbli fi żmien it-tnejn tiegħu u għalhekk jirreferi għas-sena 2020. Huwa jkopri l-istituzzjonijiet kollha u jinkludi wkoll, għall-finijiet ta' kompletezza, informazzjoni simili dwar l-użu tas-servizz kontinwu jew bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2 BENEFIĊĊJU GĦAX-XOGĦOL STANDBY

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 55 u 56B tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif emendat.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-approprijazzjonijiet għar-riċerka u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

imħallsa mill-approprijazzjonijiet amministrattivi u impjegati:

- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni ta' installazzjonijiet tekniċi,
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet, jew
- fil-qafas ta' arranġament maħluq biex jipprovdi l-għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7") fil-kuntest tal-koordinazzjoni f'każ urġenti jew ta' kriżi jew servizzi li fihom teżisti n-neċessità li jwettqu kompiti sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu li jipprovdi assistenza lill-Istati Membri.

Il-benefiċċju għax-xogħol standby huwa espress permezz ta' punti. L-għadd ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol standby effettivament maħduma huwa stabbilit kif ġej:

- xogħol standby mid-dar, f'jum tax-xogħol: 2,15 punti;
- xogħol standby fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 4,3 punti;
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, f'jum tax-xogħol: 11 punti;
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,96 fl-2020).

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2020.

2.1 Għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kunsill	15	79	3	0	0	0	97
Il-Kummissjoni	139	190	52	12	13	15	421
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>43</i>	<i>79</i>	<i>18</i>	<i>0</i>	<i>1</i>	<i>7</i>	<i>148</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	8	16	1	0	0	1	26
Il-Qorti tal-Awdituri	0	1	16	0	0	0	17
Il-KESE	0	2	0	0	1	0	3
Il-KtR	0	3	0	0	1	0	4
Is-SEAE	13	8	0	1	5	1	28
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0	0	0	0
Total	175	299	72	13	20	17	596

2.2 Għadd ta' beneficijarji għal kull tip ta' xogħol standby

Istituzzjoni	Xogħol mid-dar	Xogħol mid-dar u fuq il-post tax-xogħol	Fuq il-post tax-xogħol	Total
Il-Parlament	0	0	0	0
Il-Kunsill	97	0	0	97
Il-Kummissjoni	405	5	11	421
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>133</i>	<i>5</i>	<i>10</i>	<i>148</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	26	0	0	26
Il-Qorti tal-Awdituri	17	0	0	17
Il-KESE	0	3	0	3
Il-KtR	0	4	0	4
Is-SEAE	28	0	0	28
L-Ombudsman	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0
Total	573	12	11	596

2.3 Għadd ta' beneficijarji skont l-impjeg

Istituzzjoni	JRC	Azzjonijiet indiretti	Istallazzjonijiet tekniċi	Sigurtà	ICT	PESK/PSDK	SM 24/7	Total
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kunsill	0	0	0	27	56	14	0	97
Il-Kummissjoni	148	2	61	39	122	0	49	421
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>148</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>148</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	16	10	0	0	0	26
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	0	0	0	17
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	3
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	4
Is-SEAE	0	0	0	4	6	18	0	28
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	0
Total	148	2	77	104	184	32	49	596

3 BENEFIĊĊJU LI JINGĦATA MINĦABBA KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56C tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004, kif emendat. Il-benefiċċju jingħata biex jikkompensa l-kundizzjonijiet partikolari tax-xogħol li għandhom x'jaqsmu (i) mal-“protezzjoni tal-individwu” (l-użu ta' ħwejjeġ speċjali u skomdi, protezzjoni parzjali) (ii) il-“post tax-xogħol” (siti magħluqa, storbjużi u perikolużi) u (iii) in-“natura tax-xogħol” (pereżempju l-ġarr ta' sustanzi korrużivi, ix-xogħol bi splussivi)¹.

Il-benefiċċju hu espress permezz ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettivament maħduma. L-għadd ta' punti jvarja bejn 2 punti, pereżempju għal-livell medju ta' ħoss li jeċċedi l-85 decibel, u l-limitu massimu ta' 50 punt fil-każ ta' uffiċjal li jrid jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nar b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,96 fl-2020).

3.1 Għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kummissjoni	27	136	24	0	1	11	199
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>26</i>	<i>128</i>	<i>15</i>	<i>0</i>	<i>1</i>	<i>9</i>	<i>179</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	0
Il-KESE	0	0	0	0	0	0	0
Il-KtR	0	0	0	0	0	0	0
Is-SEAE	0	0	0	0	0	0	0
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0	0	0	0
Total	27	136	24	0	1	11	199

4 BENEFIĊĊJU GĦAS-SERVIZZ KONTINWU JEW BIX-XIFT

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56A tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif emendat.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*appropriazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- ma' stabbiliment tal-JRC, jew
- ma azzjonijiet indiretti, jew

¹ L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004

imħallsa mill-*apprjazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- f' dipartiment tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f' dipartiment tas-sigurtà,
- f' servizz ta' switchboard tat-telefon / ta' informazzjoni jew f' uffiċċju ta' akkoljenza,
- f' dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f' sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet,
- servizz li jipprovdi appoġġ fil-kuntest ta' koordinazzjoni f' każ ta' emerġenza jew kriżi jew
- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2020.

4.1 Għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	1	69	468	1	6	0	545
Il-Kunsill	0	71	0	7	0	0	78
Il-Kummissjoni	0	99	21	10	24	1	155
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>0</i>	<i>18</i>	<i>10</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>28</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	1	16	0	0	0	17
Il-KESE	0	2	0	0	1	0	3
Il-KtR	0	3	0	0	1	0	4
Is-SEAE	0	30	0	0	0	0	30
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0	0	0	0
Total	1	275	505	18	32	1	832

Hemm erba' rati differenti previsti għall-benefiċċju ta' kull xahar (ċifri abbażi tas-sena 2020):

- Rata 1: servizz b'żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 432,05;
- Rata 2: servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż matul il-lejl, tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 652,12;
- Rata 3: 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 713,01;
- Rata 4: 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa: EUR 972,07.

4.2 Għadd ta' benefiċjarji għal kull rata

Istituzzjoni	Rata 1	Rata 2	Rata 3	Rata 4	Total
	432.05	652.12	713.01	972.07	
Il-Parlament	49	257	0	239	545
Il-Kunsill	24	0	0	54	78
Il-Kummissjoni	14	0	8	133	155
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>8</i>	<i>20</i>	<i>28</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	17
Il-KESE	3	0	0	0	3
Il-KtR	4	0	0	0	4
Is-SEAE	20	0	0	10	30
L-Ombudsman	0	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0	0
Total	114	257	8	453	832

4.3 Għadd ta' benefiċjarji skont l-impjieg

Istituzzjoni	JRC	EM 24/7	ICT	Sigurtà	Swiċċbord / Akkoljenza	PESK/ PSDK	Installazzjonijiet tekniċi	Total
Il-Parlament	0	0	0	512	33	0	0	545
Il-Kunsill	0	0	0	78	0	0	0	78
Il-Kummissjoni	28	22	14	91	0	0	0	155
<i>- li minnhom tal-JRC:</i>	<i>28</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>28</i>
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	0	0	0	17
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	3
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	4
Is-SEAE	0	0	11	9	0	10	0	30
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	0
Total	28	22	25	714	33	10	0	832

5 IS-SERVIZZI KKONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, iż-żewġ Kumitati u s-SEAE għandhom jużaw ix-xogħol standby u/jew ix-xogħol bix-xift u jħallsu l-allowances previsti fil-leġislazzjoni.

Il-Kummissjoni tibqa' l-unika istituzzjoni li tħallas il-benefiċċji li jingħataw għal kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli fi ħdan il-JRC, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) u, mill-2018, l-ispetturi nukleari li jaħdmu għad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DG ENER).

Erba' istituzzjonijiet irrappurtaw li l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 kienet influwenzat is-servizzi, b'mod partikolari minħabba d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom fis-sostituzzjoni tal-assenzi marbuta mal-pandemija, u ż-żieda fl-użu tat-telexogħol. Fejn kienet meħtieġa l-preżenza fuq il-post tax-xogħol, ġew implimentati proċeduri speċifiċi biex jiżguraw il-kontinwità tan-negozju filwaqt li ġew osservati it-tbeġħid soċjali u miżuri oħra ta' iġjene. Il-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 għalhekk xi drabi influwenzat l-għadd ta' benefiċjarji. Dan huwa speċifikat hawn taħt fl-ispjegazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni jew dipartiment ikkonċernat.

5.1 Ir-raġunijiet għall-użu tax-xogħol standby

Il-Kunsill: Il-Kunsill ħallas il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 97 membru tal-persunal tiegħu fl-2020 (85 fl-2019).

Is-servizzi għax-xogħol standby huma fis-seħħ biex ikopru l-oqsma li ġejjin: (i) teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), interventi garantiti għall-protezzjoni u l-funzjonament tajjeb tan-netwerks tal-kompjuter u tal-komunikazzjoni, appoġġ għal attivitajiet mhux previsti tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tagħhom u biex ikopru l-ħtiġijiet urġenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u s-Segretarjat Ġenerali f'termini tal-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE u l-appoġġ għall-attivitajiet tal-President u s-Segretarju Ġenerali fil-kuntest tal-politika esterna; (ii) sikurezza/sigurtà għar-rispons immedjat għal kull tip ta' inċident li jista' jaffettwa l-persunal tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-attivitajiet tas-Segretarjat Ġenerali, u għall-provvista ta' appoġġ 24/7 lill-uffiċjali tas-sigurtà fuq missjoni; (iii) intervent rapidu biex jiġu abbozzati, ippubblikati fuq l-internet u jiġu ċċirkolati dikjarazzjonijiet immedjati u urġenti mill-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill u l-President tal-Kunsill Ewropew fil-kuntest tal-PESK/PESD u biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-President tal-Kunsill Ewropew u s-Segretarju Ġenerali fil-kuntest tal-politika esterna.

Fl-2020 ix-xogħol standby kien jitwettaq biss mid-dar.

Ix-xejra 'l fuq hija dovuta, minn naħa, għal żieda żgħira fin-numru ta' benefiċjarji fis-servizzi eżistenti u, min-naħa l-oħra, għall-ħolqien ta' timijiet ġodda fil-kabinetti tal-President u tas-Segretarju Ġenerali u fis-SMART (Servizzi ta' Informazzjoni Klassifikata).

Il-Kummissjoni: Fl-2020, il-Kummissjoni ħallset benefiċċju għax-xogħol standby lil 421 membru tal-persunal, li jirrappreżenta żieda ta' kważi 3 % meta mqabbla mal-2019 (410 benefiċjarju).

Din iż-żieda żgħira hija prinċipalment dovuta għall-ħames benefiċjarju addizzjonali fid-DG ECHO u t-tliet benefiċjarji addizzjonali fid-DG ENER fil-qasam tal-koordinazzjoni ta' kriżi/emerġenza.

Madwar 35 % tal-benefiċjarji (148) huma assenjati f'wieħed miċ-Ċentri ta' riċerka tal-Kummissjoni. Il-maġġoranza tax-xogħol standby tal-JRC hija pprovduta mid-dar, bl-eċċezzjoni tal-JRC f'Ispra, fejn is-servizzi huma pprovduti fil-post tax-xogħol jew fid-dar minħabba n-natura speċifika tal-kompiti.

Fid-direttorati ġenerali l-oħra tal-Kummissjoni, l-għadd ta' benefiċjarji (i) naqas bi ftit għad-DIGIT (-14) minħabba tluq jew trasferimenti lejn servizzi jew unitajiet oħra; (ii) żdied għad-DG TAXUD fis-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) (+ 14) minħabba l-istabbiliment ta' servizz ġdid biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz u s-sigurtà tal-infrastruttura tal-IT. Għas-servizzi l-oħra, is-sitwazzjoni hija kważi stabbli meta mqabbla mal-2019.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: Fl-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja ħallset benefiċċji għax-xogħol standby mid-dar lil 26 membru tal-persunal tagħha (28 fl-2019). Il-benefiċjarji kollha jaħdmu fid-Direttorat għall-Bini u s-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni. L-unitajiet fejn jaħdmu l-benefiċjarji huma responsabbli għall-proġetti ta' żvilupp tal-Qorti kif ukoll għall-ġestjoni tal-bini u s-sigurtà.

Il-Qorti tal-Awdituri: L-ippjanar ta' kull xahar tas-servizz ta' sigurtà u sikurezza fl-2020 jinkludi l-ħtieġa għal xogħol standby mid-dar għal 17-il membru tal-persunal, l-istess numru bħal dak fl-2019. Huma jassiguraw is-sigurtà tal-bini u tal-okkupanti tiegħu, mingħajr waqfien u matul is-sena kollha.

KESE-KtR: Servizz ta' standby komuni jinsab fis-seħħ fil-KESE u l-KtR fi ħdan is-servizz tas-sigurtà biex jiġi żgurat li l-persunal tas-sigurtà jkun aċċessibbli u kapaċi jirreaġixxi fi kwalunkwe ħin għal inċidenti li jeħtieġu intervent meta l-istituzzjoni tkun magħluqa. Fl-2020, bħal fl-2019, ix-xogħol standby (id-dar u l-post tax-xogħol) ġie pprovdut minn tliet membri tal-persunal tal-KESE u erba' membri tal-persunal tal-KtR.

SEAE: Fl-2020, is-SEAE ħallas il-benefiċċji għax-xogħol standby mid-dar lil 28 membru tal-persunal tiegħu (33 fl-2019). L-irtirar, il-mobilità, it-terminazzjoni tas-servizz u l-bidla fil-funzjoni ta' xi benefiċjarji jispjegaw dan it-tnaqqis għaliex, minħabba l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, ma kienx hemm bżonn li jiġu sostitwiti l-benefiċjarji li rtiraw jew telqu mis-servizz. Is-servizzi ta' standby kienu jkopru tliet oqsma ta' xogħol: (i) is-servizzi tas-sigurtà, biex jiproteġu l-persunal, il-viżitaturi, il-bini u l-assi fiżiċi tas-SEAE fi Brussell fuq bażi permanenti u l-informazzjoni klassifikata (fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet); (ii) appoġġ għall-PESK/PESD għall-monitoraġġ ta' avvenimenti madwar id-dinja 24/7, rispons għal kriżijiet, inċidenti, avvenimenti kritiċi, sitwazzjonijiet speċifiċi jew emerġenzi, jingħata appoġġ lir-Rappreżentant Għoli u l-atturi tal-UE, jiġu ffaċilitati l-laqgħat tal-Pjattaforma ta' Kriżijiet tas-SEAE barra l-ħinijiet normali tax-xogħol; (iii) is-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni permezz tal-COMCEN (Ċentru tal-Komunikazzjoni), li jipprovdni servizzi ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni klassifikata lill-persunal kollu tas-SEAE, li jipprovdni wkoll servizzi lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill biex jiġi żgurat proċessar rapidu ta' informazzjoni klassifikata bħala urġenti, permezz tad-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika li tiżgura l-pubblikazzjoni rapida tal-istqarrijiet għall-istampa, u permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li jappoġġa l-attivitajiet tal-istampa tar-Rappreżentant Għoli.

5.2 Ir-raġunijiet għall-użu tal-benefiċċju li jingħata minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

Il-Kummissjoni: B'hal fl-2019, il-Kummissjoni kienet l-unika istituzzjoni li għamlet użu minn din il-possibiltà fl-2020 għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) għas-servizz ta' riproduzzjoni, JRC u DG ENER fil-kuntest ta' spezzjonijiet ta' installazzjonijiet f'siti nukleari, b'total ta' 199 benefiċjarju fl-2020 (216 fl-2019). Dan it-tnaqqis ta' kważi 8 % huwa dovut, fost l-oħrajn, għall-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 li matulha xi benefiċjarji ma wettqux dmirijethom f'kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u li matulha ma kienx hemm bżonn li jiġu sostitwiti l-benefiċjarji li rtiraw jew telqu mis-servizz.

Fl-2020, in-numru totali ta' sigħat li nħadmu f'dawn il-kundizzjonijiet diffiċli tqassmu kif ġej:

- 25 282,64 siegħa (64 889,11 fl-2019) b'rabta mal-protezzjoni tal-individwu (pereżempju, l-użu ta' ħwejjeġ speċjali u skomdi meħtieġa għall-protezzjoni ta' dak li jkun);
- 42 379,07 siegħa (115 973,35 fl-2019) b'rabta mal-post tax-xogħol (pereżempju, il-livell għoli ta' storbju, il-postijiet perikolużi);
- 5 073,61 siegħa (12 162,74 fl-2019) b'rabta man-natura tax-xogħol (pereżempju, il-ġarr ta' sustanzi korrużivi);

L-għadd ta' sigħat naqas b'mod konsiderevoli minħabba t-tnaqqis fl-għadd ta' benefiċjarji. Il-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, li wasslet għal aktar teleħaddiema u t-tnaqqis fl-għadd ta' missjonijiet, tispjega wkoll it-tnaqqis fl-għadd ta' sigħat maħduma f'kundizzjonijiet diffiċli.

5.3 Ir-raġunijiet għall-użu tas-servizz kontinwu jew bix-xift

Il-Parlament Ewropew: Fl-2020, il-Parlament Ewropew ħallas benefiċċji għal servizz kontinwu jew bix-xift biex ikopri (i) servizzi ta' sikurezza u sigurtà fi tliet postijiet tax-xogħol: Brussell, Strasburgu u l-Lussemburgu; (ii) servizzi relatati mal-akkoljenza, mas-sigurtà u l-kontroll tal-viżitaturi (il-Parlamentarium, id-Dar l-Istorja Ewropea u d-Dar Jean Monnet), iċ-Ċentru sportiv (mill-2017)) u l-komunikazzjoni permezz tas-Switchboard li toffri varjetà ta' servizzi f'diversi lingwi, bħat-trasferiment ta' sejħiet deħlin jew ħerġin, l-għoti ta' informazzjoni ta' kuntatt (in-numri tat-telefon u tal-faks, il-posta elettronika u l-indirizzi tal-uffiċċju), l-informazzjoni dwar il-laqgħat u l-bini tal-Parlament Ewropew.

Is-servizzi fis-seħħ huma s-segwent: sistema ta' żewġ xiftijiet (ir-rata 1), servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż billejl, tmiem il-gimġha u l-jiem ta' btala (ir-rata 2), jew anke servizz bla waqfien ta' 24 siegħa kuljum (ir-rata 4). L-għadd ta' benefiċjarji fl-2020 naqas b'mod konsiderevoli (545 meta mqabbel ma' 595 fl-2019). Dan it-tnaqqis huwa dovut għall-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, li wasslet għall-għeluq jew it-tnaqqis ta' xi servizzi.

Il-Kunsill: Il-Kunsill għandu sistema ta' servizz bix-xift indispensabbli biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi responsabbli għall-prevenzjoni u s-sigurtà tal-bini u l-persuni fiż-żewġ binjiet tal-istituzzjoni. L-għadd ta' benefiċjarji huwa kważi stabbli, 78 fl-2020, meta mqabbel ma' 75 fl-2019.

Il-Kummissjoni: Fil-Kummissjoni, il-JRC (għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-natura tal-attivitajiet tiegħu) u d-DĠ HR (id-dipartiment għas-sigurtà u l-prevenzjoni) huma dawk li użaw dan it-tip ta' organizzazzjoni tax-xogħol (28 u 83 persuna rispettivament fl-2020). Iż-żieda fl-għadd ta' benefiċjarji rrapportati mid-DĠ HR fl-2020 (+ 26) hija dovuta għaż-żieda fl-għadd ta' karigi allokatu għal protezzjoni mill-qrib sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza.

Fid-direttorati ġenerali l-oħra (baġit operattiv), fl-2020 kien hemm 44 persuna li kienu jaħdmu bix-xift, fl-oqsma li ġejjin:

- Sigurtà u prevenzjoni: 8 (OIL);
- Teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni: 14 (DĠ COMM)
- Assistenza lill-Istati Membri: 22 (16 fl-2019) (DĠ ECHO).

Is-servizz bix-xift fid-DĠ COMM jiżgura l-analiżi tal-istampa għall-President, il-Kulleġġ u s-servizz tal-Kelliem.

Id-DĠ ECHO alloka mill-ġdid ir-riżorsi disponibbli tiegħu biex isaħħaħ ix-xogħol bix-xift għaċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni, li jassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni f'każ ta' diżastri, li jispjega ż-żieda fl-għadd ta' benefiċjarji.

Il-Kummissjoni tapplika r-rati (tipi ta' benefiċċji) 1, 3 u 4, b'mod li r-rata 4 (servizz kontinwu) tintuża prinċipalment fis-servizzi ta' sigurtà.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-2020, l-uniku servizz kontinwu rrapportat mill-Qorti tal-Awdituri kien jikkonċerna servizz stabbilit fi ħdan id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, tal-Finanzi u tas-Servizzi Ġenerali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-bini u tal-okkupanti tiegħu. Huwa servizz mhux interrott 24 siegħa kuljum (rata 4) b'17-il benefiċjarju, bħal fl-2019.

KESE-KtR: Huwa stabbilit servizz bix-xift komuni fil-KESE u l-KtR biex ikopri l-ħtieġa għal preżenza kontinwa fis-servizz tas-sigurtà. Bħal fl-2019, il-KESE ħallas indennizzi lil tliet benefiċjarji (rata 1) u l-KtR lil erba' benefiċjarji (rata 1).

SEAE: Fl-2020, is-SEAE ħallas 30 benefiċċji għal servizz kontinwu jew bix-xift biex jiproteġi kontinwament il-persunal, il-viżitaturi, il-bini u l-assi tas-SEAE fi Brussell, jiżgura il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u t-twissija ta' kuljum f'każ ta' avvenimenti jew sitwazzjonijiet politikament sinifikanti fuq bażi ta' 24/7 u biex jipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni għal informazzjoni klassifikata lill-persunal kollu tas-SEAE u lir-Rappreżentant Għoli u atturi oħra tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-Aġenziji tal-UE, l-Istati Membri tal-UE).

Is-SEAE japplika żewġ tipi ta' benefiċċji, prinċipalment ir-rata 1 u r-rata 4. L-għadd ta' benefiċjarji naqas minħabba l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, b'mod partikolari minħabba l-preżenza mnaqqsa ta' persunal fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, xi postijiet vakanti ma setgħux jimtlew matul dan il-perjodu.

6 IN-NEFQA BAĠITARJA, GĦAL KULL ISTITUZZJONI U GĦAL KULL BENEFIĊĊJU (F'EUR)

Istituzzjoni	Servizz kontinwu jew bix-xift	Xogħol standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Total
Il-Parlament	5 137 953,53	0	0	5 137 953,53
Il-Kunsill	726.640,00	270.845,00	0	997 485,00
Il-Kummissjoni	1 407 631,14	1 587 768,45	335 668,27	3 331 067,86
<i>- li minnhom tal- JRC:</i>	<i>246 719,68</i>	<i>628 320,00</i>	<i>319 183,17</i>	<i>1 194 222,85</i>
Il-Qorti tal- Ġustizzja	0	53 836,98	0	53 836,98
Il-Qorti tal- Awdituri	197 612,76	15 993,68	0	213 606,44
Il-KESE	11 191,30	6 557,41	0	17 748,71
Il-KtR	20 008,54	14 280,78	0	34 289,32
Is-SEAE	221 575,33	84 887,55	0	306 462,88
L-Ombudsman	0	0	0	0
Il-EDPS	0	0	0	0
Total	7 722 612,60	2 034 169,85	335 668,27	10 092 450,72

L-ammont imħallas għat-tliet benefiċċji, mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha f'daqqa jammonta għal EUR **10 092 450,72** għas-sena 2020 (EUR 10 492 246,93 għas-sena 2019).